# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Tnejn (2) ta' Marzu 2023**

**Rikors Numru 9/2023 FDP**

Fl-ismijiet

HSBC Bank Malta plc
(C3177)

Vs.

Mario Vella (KI 463875M)

u

Joanne Vella (KI 102104L)

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 8 ta' Awissu 2017, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu s-segwenti:

    1. *Illi l-intimati huma debituri tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' Euro 43705.64 u ċioe Euro 36975.52 in kwantu kapital u Euro 6,730.12 bħala imgħax ikkalkulat sal-4 ta' Jannar 2023 liema ammont huwa dovut mill-intimati wara li l-attriċi sellfet lilhom somma tramite faċilita' ta' Home Loan li ġiet konċessa permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Jonathan Vella datat 22 ta' Frar 2011 wara l-ħruġ ta' Sanction Letter datata d-19 ta' Jannar 2011;*

2. *Illi l-intimati naqsu milli jagħmlu dawk il-pagamenti mensili kif stipulati a tenur l-istess Sanction Letter, b'dan illi ddekadew mill-benefiċċju taż-żmien;*

3. *Illi ghalkemm interpellati sabiex iħallas l-ammont dovut, anki permezz ta' ittra uffiċjali (bin-numru 2168/2019) l-intimati baqgħu ma ħallsux.*

*Ghaldaqstant s-soċjeta' attriċi titlob li din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni:*

1. *Tiddikjara li l-konvenuti m'onorawx il-pagamenti miftiehma u b'hekk huma ddekadew mill-benefiċċju taż-żmien,*

2. *Tiddikjara li l-istess konvenuti huwa debituri solidali tal-Bank attur fis-somma kumplessiva ta' Euro 43705.64 oltre l-imgħax legali ulterjuri ta' 8% fis-sena mit-4 ta' Jannar 2023 sad-data tal-pagament finali liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat.*

3. *Tikkundanna l-istess konvenuti jħallsu, solidalment bejniethom, is-somma ta' euro 43,705.64 (tlieta u erbgħin elf, sebgħa mija u ħames euro u erbgħa u sittin ċenteżmi) oltre l-imgħax legali ulterjuri ta' 8% mill-4 ta' Jannar 2023 sad-data tal-pagament finali.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 2168/2019 u tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment kontra l-intimati li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.*

*Bl-imgħax ulterjuri skond il-liġi sad-data tal-pagament effettiv.*

2. Rat illi fis-26 ta' Jannar 2023, jidher illi Mario Vella u Joanne Vella ġew notifikati ġewwa 67, Geotess, Triq il-Mitħna, Mellieħa bl-atti tal-kawża u d-data tas-smiegħ.

3. Rat illi, meta sssejjħet il-kawża fl-24 ta' Frar 2023, l-intimati, debitament notifikati, ma dehrux, u għalhekk ġew dikjarati kontumaċi.

4. Semgħet lil Dr Claudia Muscat, rappreżentant tal-Bank rikorrenti, li kkonfermat illi l-ammont mitlub għadu dovut.

5. Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Frar 2023, il-Bank rikorrent talab illi l-kawża titħalla għas-sentenza.

6. Rat illi fl-24 ta' Frar 2023, il-kawza ġiet differita għall-lum għas-sottomissjonijiet tal-kontumaċi, wara liema seduta, il-Qorti tgħaddi biex tagħti s-sentenza finali.

7. Rat illi meta reġgħet issejħet il-kawża llum l-intimati Mario u Joanne Vella ma dehrux u lanqas ma ġew ippreżentati sottomissjonijiet da parte tagħhom.

8. Rat illi s-soċjeta' rikorrenti, għal darba oħra, reġgħet talbet illi l-kawża titħalla għas-sentenza.

9. Rat illi l-kawża ġiet posposta għas-sentenza.

10. Rat illi, in vista tal-kontumaċja ta' l-intimati kif ukoll il-konferma tar-rappreżentant tal-Bank rikorrent, il-Qorti ma tara ebda raġuni 'l għaliex ma għandhiex tilqa' t-talba kif dedotta.

## Konklużjoni

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda ta' Dr Claudia Muscat;

Wara ili rat illi l-intimati baqgħu kontumaċi;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** t-talba kif dedotta u konsegwentement:

**Tiddikjara** li l-konvenuti m'onorawx il-pagamenti miftiehma u b'hekk huma ddekadew mill-beneficċju taż-żmien;

**Tiddikjara** li l-istess konvenuti huma debituri solidali tal-Bank attur fis-somma kumplessiva ta' € 43,705.64 oltre l-imgħax legali ulterjuri ta' 8% fis-sena mill-4 ta' Jannar 2023 sad-data tal-pagament finali, liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat.

**Tikkundanna** l-istess konvenuti jħallsu, solidalment bejniethom, is-somma ta' € 43,705.64 (tlieta u erbgħin elf, sebgħa mija u ħames euro u erbgħa u sittin ċenteżmi).

Bl-Imgħax legali ulterjuri ta' 8% mill-4 ta' Jannar 2023 sad-data tal-pagament finali.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 2168/2019 u tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment kontra l-intimati.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**